MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 22/2011

**L-Avukat Dr. Deborah Schembri, Jeffrey Pullicino Orlando u Evarist Bartolo kemm f`isimhom personali kif ukoll bhala rapprezentanti tal-Moviment Iva Ghad-Divorzju / Iva Ghaz-Zwieg**

***kontra***

**L-Awtorita` tax-Xandir**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fis-16 ta` Mejju 2011 fejn ir-rikorrenti ghar-ragunijiet hemm indikati talbu minn din il-Qorti fl-ewwel lok dikjarazzjoni illi d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` tax-Xandir u kontenuta fl-ittra mibghuta mir-rikorrenti Dr. Deborah Schembri ghan-nom tal-Moviment

Iva Ghad-Divorzju / Iva Ghaz-Zwieg tammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt tal-espressjoni kif protett fl-Artikplu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta` Malta, u fit-tieni lok l-ghoti ta` dawk ir-rimedji xierqa u opportuni. Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tax-Xandir fejn ghar-ragunijiet hemm moghtija eccepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom ghalhekk jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat illi in linea preliminari l-Awtorita’ intimata eccepiet in-nuqqas tal-integrita` tal-gudizzju in kwantu l-persuna l-iktar koncernata u bl-ikbar interess dirett fid-decizjoni jekk ghandux jigi trasmess l-ispot mertu tar-rikors tal-lum huwa l-Monsinjur Charles Vella.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum, in partikolari l-osservazzjoni tad-difensur tal-Awtorita` intimata illi in-nuqqas ta` integrita` tal-gudizzju kellu jigi rimedjat bil-kjamata fil-kawza tal-istess Monsinjur Vella.

Qieset ukoll l-pozizzjoni tar-rikorrenti fis-sens illi qeghdin isostnu li l-gudizzju huwa integru il-ghaliex l-azzjoni hija mpernjata fuq l-allegat ksur tad-dritt fondamentali, kommess fil-konfront taghhom mhux mill-Monsinjur Charles Vella izda mill-Awtorita` intimata.

Ikkunsidrat:

L-eccezzjoni tan-nuqqas ta` integrita` tal-gudizzju hija ta` ordni pubbliku. Ghalhekk ladarba l-eccezzjoni nghatat, il-Qorti ma tistax tinjoraha jew tonqos li tikkunsidraha. In-natura ta` din it-tip ta` eccezzjoni hija msejsa fuq tliet

konsiderazzjonijiet ewlenin. Fl-ewwel lok fuq il-htiega li f'kawza jiehdu sehem dawk kollha li huma nteressati fil-kwistjoni, fit-tieni lok li jkun assikurat li l-gudizzju jkun wiehed efikaci, u fit-tielet lok jithares kemm jista` jkun il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju. Ghalhekk f'dan is-sens li gudizzju jkun integru huwa fl-interess l-aktar tar-rikorrenti aktar milli tal-intimat.

Minghajr ma tippronunzja ruhha bl-ebda mod dwar il-mertu tal-azzjoni prezenti, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-eccezzjoni ghandha tkun akkolta. Dan qieghed jinghad ghaliex il-fondatezza tal-eccezzjoni tan-nuqqas ta` integrita` tal-gudizzju irid bilfors jitqies fil-qafas tan-natura tal-azzjoni li fiha titqajjem dik l-eccezzjoni.

Ghalhekk, konsiderazzjonijiet ta` natura generika m'ghandhomx jipprevalu fuq l-ispecjalita` tal-kaz.

Illi l-kawza tal-lum hija prettament wahda centrata fuq allegazzjoni ta` ksur ta` jedd fundamentali li r-rikorrenti jallegaw illi kien kommess mhux mill-Monsinjur Charles Vella izda u unikament bl-agir tal-Awtorita` intimata. Ghandhomx ragun inkella le r-rikorrenti wiehed irid jarah fit-trattazzjoni tal-mertu. Ir-rikorrenti kienu hielsa li jipprocedu bl-azzjoni kif tentata. Is-success jew il-falliment tal-ghazla taghhom jiddependu biss minn jekk huwiex ser jirnexxielhom jippruvaw dak illi qeghdin jallegaw. Fl-istess waqt in-natura tal-kaz specjalment it-tip ta` azzjoni tentata mhux wiehed fejn sabiex il-process isir shih irid bilfors ikollu bhala parti fil-kawza lill-istess Monsinjur Vella.

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qieghda tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, bl-ispejjez kontriha.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------